MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 945/2008

**Carmel Cassia (I.D. 586059M)**

**vs**

**Mediterranean Broadcasting Equipment Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lis-socjeta' konvenuta (peress illi l-attur kien jahdem mas-socjeta' konvenuta) il-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u tlieta u tletin Euro u disgha u sebghin centezmi (€2,133.79), rapprezentanti :

1) is-somma bilancjali ta' elfejn u sitta u disghin Euro u tnejn u hamsin centezmi (€2,096.52) rapprezentanti salarju ghax-xhur ta' Marzu, April u Mejju, 2007;
2) ir-rikorrent nefaq ukoll is-somma ta' sebgha u tletin Euro u sitta u ghoxrin centezmi (€37.26) bhala spejjez gudizzjarji sabiex intavola ittra ufficjali taht l-Art. 166A tal-Kap. 12, li baqghet mhux notifikata.

Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex ghar-ragunijiet promessi dan it-Tribunal m'ghandux :

1) jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' elfejn, mija u tlieta u tletin Euro u disgha u sebghin centezmi (€2,133.79) dovuti kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekoribbli minn Mejju, 2007 kontra s-socjeta' intimata li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, mija u tlieta u tletin Euro u disgha u sebghin centezmi (€2,133.79), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------